# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **1053/2021 (AD)**

**JOSEPH SALIBA (KI 148872M) U**
**RAMONA SALIBA (KI 469975M)**

**VS**

**JEREMY MANGION (KI 201990M) U**
**MARIA MANGION SCHEMBRI (65293M)**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors ta' Joseph u Ramona konjuġi Schembri fit-tlettax (13) ta' Lulju 2021, u risposta tal-intimati Jeremy Mangion u Maria Mangion Schembri ppreżentata fl-għoxrin (20) ta' Lulju 2021;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat fit-tlettax (13) ta' Lulju 2021, ir-rikorrenti, sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, talbu lil din il-Qorti żżomm lill-intimati milli

jkomplu jibnu jew jagħmlu xogħol ta' kostruzzjoni fuq l-arja tal-bitħa proprjeta' tagħhom, liema bitħa għandha l-wisgħa tal-garaxx kollu, hekk kif indikata fil-Pjanta tal-MEPA (illum Planning Authority) u kif approvata mis-Sanita', liema bitħa llum hija temporanjament imsaqqfa liema bitħa tifforma parti mill-garaxx tagħhom li jinsab fi *drive-in* privata li tiżbokka fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra f'Ħal Tarxien, u dana għaliex l-arja tal-bitħa tappartjeni lir-rikorrenti konjuġi Saliba, kif il-konjuġi intimati Mangion Schembri ben jafu, u għaldaqstant kwalsiasi kostruzzjoni fl-arja tal-bitħa tikkostitwixxi ksur ta' drittijiet tal-istess rikorrenti;

3. Permezz ta' risposta preżentata fl-għoxrin (20) ta' Lulju 2021, l-intimati opponew għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, u dan minħabba illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni tfalli għal kollox it-test *prima facie*;

4. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2021;

**Fatti tal-Każ**

5. Permezz ta' rikors preżentat nhar it-tlettax (13) ta' Lulju 2021, ir-rikorrenti ppremettew illi huma l-proprjetarji tal-garaxx illi jinsab fi *drive-in* privata li tiżbokka fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra f'Ħal Tarxien, Malta, kif ukoll tal-bitħa li għandha l-wisgħa tal-garaxx kollu, illi llum hija temporanjament imsaqqfa, u hija retropposta l-istess garaxx. Ir-rikorrenti talbu illi l-intimati jinżammu milli jibnu jew jagħmlu xi xogħol ta' kostruzzjoni fuq l-arja tal-bitħa proprjeta' tagħhom, u dan peress illi l-arja tal-bitħa tappartjeni lilhom ukoll. Għaldaqstant, ir-rikorrenti sostnew illi kwalsiasi kostruzzjoni fl-arja tal-bitħa mill-intimati konjuġi Schembri tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti;

6. Min-naħa l-oħra, b'risposta preżentata nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju 2021, l-intimati opponew għat-talba mressqa, u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi r-rikorrenti naqsu milli jġibu prova illi juri t-titolu minnhom pretiż, u cioe xi prova illi huma l-proprjetarji tal-arja tal-bitħa u/jew tal-bitħa nnifisha;

b. Illi, in oltre, fil-kuntratt datat 8 ta' Ġunju 2020, is-Soċjeta' L Spiteri and Sons (Contractors) Limited iddikjarat illi kienet f'konvenju sabiex tbiegħ lill-intimati konjuġi Mangion l-arja tal-garaxxijiet bin-numru 3, 4, 5, 6, 7, u 8. Fl-istess kuntratt, is-soċjeta' L Spiteri and Sons (Contractors) Limited, ir-rikorrenti u terzi qablu illi kienu qed jagħtu dritt lis-soċjeta' L Spiteri and Sons (Contractors) Limited jew aventi kawża tagħha sabiex tibni l-arja tal-istess graraxxijiet, u jiftħu twieqi, bibien u galleriji li jħarsu għal fuq il-bitħa tal-garaxx bin-numru erbgħa (4), fost drittijiet oħra;

c. Illi eventwalment, L Spiteri and Sons (Contractors) Limited għaddiet il-proprjeta' illi kienet tappartjeni lilha, lill-intimati konjuġi Mangion, b'dana illi l-intimati konjuġi Mangion akkwistaw l-istess drittijiet illi kellha s-soċjeta' L Spiteri and Sons (Contractors) Limited per kawża tal-kuntratt datat 8 ta' Ġunju 2020;

d. Illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat tfalli t-test tal-*prima facie*, u, konsegwentement, għandha tiġi miċħuda, bl-lispejjeż kontra r-rikorrenti.

**Il-Qorti**

7. Wara illi rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha preżentati; u

8. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2021;

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

10. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

11. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

   a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

   b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;

   c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

12. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[1]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi*

[1] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

*ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

13. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[2]:

*Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

14. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[3]:

[2] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff
[3] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

*Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

15. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

16. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

*Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[4]

[4] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

17. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkun ser isofri r-rikorrent permezz tal-att illi jkun qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **irrimedjabbli** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[5], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

18. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[6]*:*

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "**necessary**".*
>
> *Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

---

[5] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca
[6] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

19. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[7]

20. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża:

**A. <u>L-Ewwel Rekwiżit: Għandu jirriżulta illi r-Rikorrenti għandhom jedd *prima facie*</u>**

21. Fil-każ in eżami, il-Qorti għandha quddiemha tliet (3) kuntratti:

   a. Il-kuntratt datat 18 ta' Settembru 2006 u pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Lia (**Dok A** anness mar-risposta tal-intimati), illi permezz tiegħu r-rikorrenti akkwistaw il-garaxx numru erbgħa (4) mingħajr arja sovrastanti;

   b. Il-kuntratt datat 8 ta' Ġunju 2020 u pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Gafa' (**Dok B** anness mar-risposta tal-intimati), illi permezz tiegħu:

[7] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

i. Ġie kjarifikat illi meta akkwistaw il-garaxx bin-numru 4, ir-rikorrenti kienu akkwistaw il-bitħa retropposta tiegħu, liema bitħa kienet ġiet imsaqqfa;

ii. Ġie dikjarat illi s-soċjeta' L Spiteri and Sons (Contractors) Limited u l-intimati kienu fuq konvenju sabiex l-intimati jakkwistaw mingħand l-istess soċjeta' l-garaxx bin-numru 2 u l-arja tal-garaxxijiet bin-numru 3, 4, 5, 6, 7 u 8. Il-partijiet kienu qablu illi **eskluż mill-wegħda tal-bejgħ hemm l-arja fejn tinsab il-bitħa tal-garaxx bin-numru 4**, u cioe dik l-istess arja illi r-rikorrenti qed jikkontendu illi hija proprjeta' tagħhom;

iii. Ġie dikjarat mill-konjuġi Mangion illi l-arja tal-bitħa tal-garaxx bin-numru 4 ma tistax tinbena, u lanqas tista' tintuża b'xi mod mis-soċjeta' L Spiteri and Sons (Contractors) Limited jew l-aventi kawża tagħhom;

iv. Ġie dikjarat illi s-soċjeta' L Spiteri and Sons (Contractors) Ltd u r-rikorrenti konjuġi Saliba kienu qed jagħtu d-dritt lill-istess soċjeta' jew l-aventi kawża tagħha sabiex jibnu l-arja tal-garaxxijiet bin-numru 2 sa 8, u jiftħu twieqi, bibien u galleriji li jħarsu għal fuq il-bitħa tal-garaxx bin-numru 4, fost drittijiet oħra;

c. Il-kuntratt datat 27 ta' Lulju 2020 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Gafa' (**Dok C** anness mar-risposta tal-intimati) illi permezz tiegħu l-intimati akkwistaw l-arja tal-garaxx numru 2, u l-arja sovrapposta s-sitt garaxxijiet bin-numri 3 sa 8;

22. Minn dawn it-tliet kontratti, lil din il-Qorti jirriżultalha illi:

a. Il-garaxx bin-numru 4 u l-bitħa (illum imsaqqfa) retropposta, huma proprjeta' tar-rikorrenti;

b. L-intimati għandhom id-dritt illi jibnu l-arja tal-garaxx bin-numru 4, illi tagħha huma llum proprjetarji, iżda mhux id-dritt illi jibnu l-arja tal-bitħa retropposta l-garaxx bin-numru 4;

23. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi jirriżulta mill-provi dokumentarji prodotti illi r-rikorrenti effettivament għandhom titolu fuq il-bitħa retropposta l-garaxx bin-numru 4, u, konsegwentement, drittijiet *prima facie* illi huwa fl-interess tagħhom illi jikkawtelaw fuq l-istess, anke jekk tali provi nġabu mill-intimati, u mhux mir-rikorrenti stess;

24. Għaldaqstant jirriżulta illi **<u>l-ewwel rekwiżit ġie sodisfaċentement pruvat</u>**.

**<u>B. It-Tieni Rekwiżit: Il-Mandat għandu jkun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-Rikorrenti</u>**

25. Madanakollu, minkejja l-fatt illi l-Qorti hija sodisfatta illi r-rikorrenti, mad-daqqa t'għajn, jidher illi għandhom titolu (u għalhekk drittijiet *prima facie*) fuq il-bitħa tal-garaxx in kwestjoni, il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti **<u>ma ġabu l-ebda prova</u>** illi l-intimati effettivament qegħdin jiżviluppaw, u/jew għandhom l-intenzjoni illi jiżviluppaw l-arja tal-bitħa proprjeta' tagħhom. La nġabet xi prova illi hemm xi applikazzjoni għal żvilupp illi tinkludi l-arja tal-bitħa, la nġabet prova illi hemm xi permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar għal żvilupp fl-arja tal-bitħa, la ġew esebiti ritratti illi jagħtu indikazzjoni illi forsi, għall-grazzja tal-argument, qed isir xi forma ta' żvilupp fl-arja tal-bitħa saħansitra mingħajr permess għal żvilupp, u lanqas ġiet esebita xi prova illi turi b'mod konkret illi l-intimati qegħdin b'xi mod jivvantaw xi pretensjoni fuq l-istess arja;

26. Għalkemm huwa minnu illi l-mansjoni ta' din il-Qorti hija limitata, u li l-Qorti jeħtiġilha illi tagħmel biss indaġni *prima facie* tal-kwestjoni bejn il-partijiet, dan ma jfissirx illi l-Qorti għandha tilqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni a bażi ta' sempliċi allegazzjoni, b'mod partikolari tenut kont tal-

fatt illi din il-proċedura hija, fit-termini tal-ġurisprudenza u prinċipji legali suċitati, waħda eċċezzjonali u straordinarja;

27. Għaldaqstant, anke jekk għall-grazzja tal-argument ir-rikorrenti għandhom titolu fuq l-arja tal-bitħa in kwestjoni, il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju tqis illi l-ħruġ ta' mandat huwa **nećessarju** sabiex jiġu kawtelati d-drittijiet tar-rikorrenti, u dan stante illi l-Qorti mhix sodisfatta illi tali drittijiet effettivament huma f'periklu illi jiġu b'xi mod preġudikati mill-intimati, la permezz ta' żvilupp, u lanqas bi kwalsiasi aġir mod ieħor;

28. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi **t-tieni rekwiżit ma jissussistix fil-każ odjern.**

## C. It-Tielet Rekwiżit: Il-Preġudizzju illi jista' jiġi kkawżat lir-Rikorrenti fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat, huwa wieħed Irrimedjabbli

29. Hekk kif diġa ġie spjegat fir-riwgard tat-tieni rekwiżit, u anke fid-dawl tal-prinċipji legali suċitati, il-Qorti hija tal-fehma illi l-mertu tal-każ odjern ma jimmeritax il-miżura estrema ta' ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, u dan peress illi la ġie sodisfaċentement pruvat illi hemm xi possibilta' illi jiġi kkawżat lir-rikorrenti xi preġudizzju, u wisq u wisq anqas ġie pruvat illi tali preġudizzju huwa wieħed irrimedjabbli;

30. Konsegwentement, fid-dawl tal-ġurisprudenza suċitata, **jirriżulta nieqes ukoll it-tielet rekwiżit**.

**Decide**

31. Għal dawn il-motivi, fin-nuqqas ta' żewġ elementi minn tlieta illi jeħtieġ illi jissussistu sabiex jintlaqa' l-mandat odjern, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talba kif dedotta għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-intimati.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrenti.

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tlieta, 10 t'Awwissu 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Graziella Abela**
**Deputat Reġistratur**